MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2003

Appell Civili Numru. 1891/2000/1

**Medairco Limited**

**vs**

**ACK Ltd u Anthony Sammut**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell minn digriet moghti mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta’ Novembru, 2001. Bih intlaqghet it-talba tas-socjeta` attrici sabiex tinghata l-awtorizzazzjoni ghall-irtirar tal-kambjali esebiti ma’ l-att

tac-citazzjoni sabiex eventwalment is-socjeta` attrici tottjeni l-gira favur taghha u b'hekk tigi sorvolata l-eccezzjoni tal-konvenuti.

2. Ghall-kompletezza id-digriet appellat qieghed jigi anness bhala appendici ma' din id-decizjoni sabiex jifforma parti integrali minnha.

3. Fir-rikors ta' l-appell taghhom il-konvenuti talbu – ghar-ragunijiet minnhom esposti – biex dan id-digriet jigi revokat. Dan ir-rikors ta' l-appell gieipprezentat quddiem dina l-Qorti fit-18 ta' Frar, 2002.

4. Fir-risposta taghha is-socjeta` attrici ikkontestat l-appell fil-meritu – ghar-ragunijiet minnha dedotti – u talbet li l-appell jigi michud.

5. Din il-Qorti tinnota li l-kambjali in kwistjoni (li jinsabu a fol. 6, 7 u 8 tal-process) jidhru li gew debitament girati. Ghalhekk, hemm dubju dwar il-htiega tat-talba li saret mis-socjeta` attrici lill-ewwel Qorti – kif verbalizzata fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2001 (ara fol. 26) – liema talba giet in segwitu milqugha bid-digriet appellat.

6. Il-Qorti tinnota li l-appellanti ressqu ghall-konsiderazzjoni taghha l-istess argumenti li qabel huma kienu ressqu – bla success – quddiem l-ewwel Qorti.

7. Id-digriet appellat jaghmel referenza ghad-decizjoni ta' l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza bejn l-istess partijiet odjerni (Citazzjoni Numru 3467/96), u jadotta ir-ragunamenti kontenuti fl-istess decizjoni.

8. Din il-Qorti tinnota li l-oggezzjoni ta' l-appellanti ssib il-bazi taghha fuq dak il-formalizmu antik u pjuttost esagerat li ma jghin xejn lill-Qorti biex taghmel gustizzja maz-zewg partijiet fil-kawza. Iz-zieda bla bzonn ta' spejjez gudizzjarji u l-hela ta' zmien konsiderevoli – li f'dan il-kaz diga` ssarraf f'aktar minn sentejn – huma fatturi li l-Qrati ma jistghux jinjorawhom. Anzi huma fid-dover li jzommuhom quddiem ghajnejhom biex jagevolaw l-ekonomija fil-proceduri gudizzjarji. Ghalhekk, din il-Qorti ma tistax

tikkondividi l-aggravju ta' l-appellanti li dawn l-aspetti m'ghandhomx jigu kontemplati mill-Qorti.

9. Il-Qorti tinnota wkoll li l-appellanti ma ressqu ebda argument quddiem din il-Qorti biex ixejnu l-applikazzjoni tal-beneficcju tal-*ius superveniens* li ghamlet l-ewwel Qorti fid-decizjoni taghha imsemmija tal-5 ta' Frar 1999, liema ragunament gie abbraccjat fid-digriet appellat.

10. Din il-Qorti, f'dawn ic-cirkostanzi, jidhrilha li l-applikazzjoni ta' dan il-beneficcju ma sarx b'mod skorrett u ghalhekk m' hemmx lok li l-appell intavolat jintlaqa'. Jidhrilha pero`, li hu gust li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez.

Ghal dawn il-motivi, tichad l-appell u tordna li l-atti jintbaghtu lura lill-ewwel Qorti biex tkompli tiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

L-ispejjez kollha konnessi ma' dan l-incident – li gie provokat mis-socjeta` attrici u prolungat mill-appellanti – ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-partijiet.

Deputat Registratur
df

## APPENDICI

Kopja tad-digriet moghti fit-30 ta’ Novembru 2001, qeghed jigi anness ma’ din is-sentenza biex jifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------